31976R1976

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1976/76
ta' l-20 ta' Lulju 1976
li japprova l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' ittri li jemenda l-Protokoll 6 li jinsab mal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi l-Protokoll 6 li jinsab mal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda [1] għandu jiġi emendat u l-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri li ġie negozjat għal dak il-għan għandu jiġi approvat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri li jemenda l-Protokoll 6 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda qiegħed hawnhekk jiġi approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill qiegħed hawnhekk jiġi awtorizzat biex jinnomina l-persuna li għandha s-setgħa li tiffirma l-Ftehim sabiex ikun vinkolanti fuq il-Komunità.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Id-data tal-bidu fis-seħħ tal-Ftehim għandha tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Lulju 1976.

Għall-Kunsill

Il-President

M. van der STOEL

[1] ĠU Nru L 301, tal-31.12.1972, pġ. 164.

Brussel, …… …

L-Eċċellenza tiegħek,

L-Artikolu 1 (1) tal-Protokoll 6 mal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda, iffirmat fit-22 ta' Lulju 1972 jipprovdi għal tnaqqis progressiv tad-dazju doganali ta' 15 % applikat għal importazzjonijiet ta' fletti tal-ħut li jaqgħu taħt is-subintestatura 03.01 B II b) tat-Tariffa Doganali Komuni.

Skond id-deċiżjoni adottata fl-1972 mill-Kumitat għan-Nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni, fletti tal-ħut nejjin miksija bil-panura issa jaqgħu taħt is-subintestaturi 16.04 Ċ u G (ħut ippreparat jew ippreservat).

Sabiex jiġi evitat li fletti tal-ħut miksija bil-panura li jaqgħu taħt is-subintestaturi 16.04 Ċ u G jiġu esklużi, bħala riżultat ta' din l-emenda, mill-benefiċċju ta' l-Artikolu msemmi, għandhom isiru emendi ta' forma lit-test ta' dak l-Artikolu. Dawn l-emendi, li huma stabbiliti fl-Anness, huma applikabbli mill-1 ta' Lulju 1976.

Inkun rikonoxxenti lejk jekk inti tikkonferma l-qbil tal-Gvern tiegħek għal dawn l-emendi.

Jekk jogħġbok aċċetta, Eċċellenza tiegħek, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

Għan-nom tal-Kunsill tal-

ANNESS

Emendi li għandhom isiru lill-Protkoll 6 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda

1. Fit-tabella stabbilita fl-Artikolu 1 (1), dan li ġej għandu jiġi sottomess għat-test taħt l-intestatura Nru 16.04:

Intestatura CCT Nru	Deskrizzjoni
16.04	Ħut ippreparat jew ippreservat, li jinkludi l-kavjar u sostituti tal-kavjar:
	A. Kavjar u sostituti tal-kavjar
	Ċ. Aringi:
	I. Fletti, nejjin, miksija bil-*batter* jew bil-panura, ffriżati
	G. Oħrajn:
	I. Fletti, nejjin, miksija bil-*batter* jew bil-panura, ffriżati

2. Fit-tabella stabbilita fl-Artikolu 1 (3), dan li ġej għandu jiġi sostitwit għat-test taħt l-intestatura Nru 16.04:

Intestatura CCT Nru	Deskrizzjoni
16.04	Ħut ippreparat jew ippreservat, li jinkludi kavjar u sostituti tal-kavjar:
	Ċ. Aringi:
	II. Oħrajn
	Eż G. Oħrajn:
	II. Oħrajn, eskluż *coalfish* ippreservat, iffumigat

Brussel, ...

Sinjur,

Għandi l-unur nirrikonoxxi l-irċevuta ta' l-ittra tiegħek tal-llum:

"L-Artikolu 1 (1) tal-Protokoll 6 mal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda, iffirmat fit-22 ta' Lulju 1972 jipprovdi għal tnaqqis progressiv tad-dazju doganali ta' 15 % applikat għal importazzjonijiet ta' fletti tal-ħut li jaqgħu taħt is-subintestatura 03.01 B II b) tat-Tariffa Doganali Komuni.

Skond id-deċiżjoni adottata fl-1972 mill-Kumitat għan-Nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni, fletti tal-ħut nejjin miksija bil-panura issa jaqgħu taħt is-subintestaturi 16.04 Ċ u G (ħut ippreparat jew ippreservat).

Sabiex jiġi evitat li fletti tal-ħut miksija bil-panura li jaqgħu taħt is-subintestaturi 16.04 Ċ u G jiġu esklużi, bħala riżultat ta' din l-emenda, mill-benefiċċju ta' l-Artikolu msemmi, għandhom isiru emendi ta' forma lit-test ta' dak l-Artikolu. Dawn l-emendi, li huma stabbiliti fl-Anness, huma applikabbli mill-1 ta' Lulju 1976.

Inkun rikonoxxenti lejk jekk inti tikkonferma l-qbil tal-Gvern tiegħek għal dawn l-emendi."

Għandi l-unur nikkonferma l-qbil tal-Gvern tiegħi ma' dan ta' hawn fuq.

Jekk jogħġbok, Sinjur, aċċetta l-assigurazzjoni ta' l-oġħla konsiderazzjoni tiegħi.

Għall-Gvern tar-Repubblika ta' l-Iżlanda

ANNESS

Emendi li għandhom isiru lill-Protokoll 6 mal_Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda

1. Fit-tabella stabbilita fl-Artikolu 1 (1), dan li ġej għandu jiġi sostitwit għat-test taħt l-intestatura Nru 16.04:

Intestatura CCT nru	Deskrizzjoni
16.04	Ħut ippreparat jew ippreservat, inkluż il-kavjar u sostituti tal-kavjar:
	A. Kavjar u sostituti tal-kavjar
	Ċ. Aringi:
	I. Fletti, nejjin, miksija bil-*batter* jew bil-panura, ffriżati
	G. Oħrajn:
	I. Fletti, nejjin, miksija bil-*batter* jew bil-panura, ffriżati

2. Fit-tabella stabbilita fl-Artikolu 1 (3), dan li ġej għandu jiġi sostitwit għat-test tat l-intestatura Nru 16.04:

Intestatura CCT nru	Deskrizzjoni
16.04	Ħut ippreparat jew ippreservat, inkluż il-kavjar u sostituti tal-kavjar:
	Ċ. Aringi:
	II. Oħrajn
	Eż G. Oħrajn:
	II. Oħrajn, esklużż *coalfish* ippreservat, iffumigat